# Jum il-Festa ta' Sant'Anna

# - 26 ta' Lulju 2020 -




Għeżież,

**L-aħwa, wasal jum il-Festa ta' Sant'Anna, Patruna tagħna.**

Il-festa tiġi biex niċċelebraw il-fidi tagħna f'Ġesù mhux biss fil-knisja u fil-familji tagħna iżda wkoll b'mod estern fit-toroq u l-pjazez tagħna. Inħeġġiġkom sabiex niċċelebraw il-festa ta' Sant'Anna billi nieħdu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd u fil-pellegrinaġġ wara x-xbieha ta' Sant'Anna.

Ejjew nissapportjaw lil xulxin u nitolbu l-interċessjoni ta' Sant'Anna sabiex flimkien nersqu lejn Ġesù u nitgħallmu minnu.

**Matul dawn il-jiem ma noqogħdux lura milli nersqu lejn il-Knisja għas-sagramenti tal-Qrar u l-Ewkaristija. Kurraġġ u l-festa t-tajba...**

*Aqra l-Avviżi ta' din il-ġimgħa aktar l-isfel....*




Ix-xbieha ta' Sant'Anna imħejjija għal Jum il-Festa.

---

# Jum il-Festa ta' Sant'Anna




---

# Liturġija tad-Dar fil-Familja



## "Il-King"... bħal teżor moħbi

Is-Sbatax-il Ħadd Matul is-Sena A

# Riżorsi għat-tfal

Website interessanti bil-Malti u bl-Ingliż b'ħafna riżorsi għat-tfal.

https://www.bekidsmalta.com/

# Laqgħa tħejjija mill-Qrib għall-Għarajjes



# Lejla Żgħażagħ










Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu, quddiesa fis-6:30pm u serata wara imtellgħa miż-żgħażagħ.

## Griżma tal-Isqof




## Avviżi

**Jum il-FESTA ta' SANT'ANNA**

F'jum il-Festa il-quddies fil-Parroċċa tagħna jkun hekk:

**Is-Sibt fil-5:15pm, fis-6:30pm u fit-8:00pm**

**Il-Ħadd fis-6:30am, fit-8:00am, fid-9:15am, fil-11.30am u fis-**

**6:00pm.**

Il-Quddiesa **bl-ingliż issir fil-11.00am** fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju ġewwa l-Villa Apap Bologna.

Fil-quddiesa tad-9:15am ser iqaddes Dun Mario Mercieca li s-sena l-oħra għamel esperjenza fostna bħala djaknu.

**Fis-7:00pm** jibda ħiereġ il-pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Sant'Anna. Nitolbukom tħallu r-rotta tal-purċissjoni aċċessibbli u mingħajr karozzi.
**Fil-bidu tal-pellegrinaġġ ser nitolbu t-talba tar-Rużarju. Mistiedna wkoll in-nanniet, l-ommijiet bit-trabi fil-ġuf u l-familji li jixtiequ jkollhom it-tfal bl-interċessjoni ta' Sant'Anna.**

**Fid-8.45pm** ninġabru fuq iz-zuntier għall-mument ta' talb qabel l-istatwa ta' Sant'Anna tidħol fil-knisja parrokkjali.

**Għoti ta' Demm**
Il-Ħadd 26 ta' Lulju 2020 bejn it-8:30am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm quddiem is-Sala Sant'Anna.
Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħdu magħna l-ID Card.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020 fis-7.30pm fis-Sala Sant'Anna ser issir

laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Settembru u Jannar 2021. Bookings mill-Uffiċċju Parrokkjali.